# Xi tagħrif dwar il-Mosta

MINN ANGELO DOUGALL

❑ Meta wieħed ma jkunx tal-pajjiż, jew ma jkunx midħla sewwa tal-post, jiġri li jħossha daqsxejn bi tqila li waqt xi reċerka tiegħu, (speċjalment li jkun qiegħed jagħmel f'xi arkivju), li isib u jniżżel xi nota b'xi tagħrif li kultant jiltaqa' magħha dwar dak il-lokal. U hekk nista' ngħid li ġara lili dwar il-Mosta. Ħadd xi noti ta' tagħrif li ftit jew xejn kien magħruf dwar dan ir-raħal.

Issib li l-Mosta kif nafuha llum, kienet ġabra ta' rħula żgħar, bħall-Mosta, isem ta' raħal fih innifsu, u oħrajn li kienu qribu bħal Tas-Sagħtar, Ta' l-Infetti, Ħal Dimekk, u fost dawn kien hemm ukoll post bl-isem ta' Ħal Ħobla. Ma nafu xejn fuqu u dwar ismu; niltaqgħu miegħu f'xi dokumenti tal-qedem.

Għall-bidu tas-seklu sbatax, ngħidu aħna bejn l-1600 u l-1650 wieħed jiltaqa' ma' dan l-isem f'suppliki dwar bini ta' djar jew irziezet, postijiet ta' abitazzjoni, f'post li jissejjaħ Ħal Ħobla. Forsi fl-antik kien hemm xi raħal u dan, bħal ħafna rħula żgħar f'Malta, spiċċa u ntesa. Kien jagħmel mal-Mosta u fl-inħawi tagħha. Bħala raħal intesa, imma dik il-ħâra baqgħet tissemma' hekk. Wara l-Assedju l-Kbir tal-1565 il-Mosta bdiet tikber sewwa u l-popolazzjoni toktor.

Il-kelma 'ħobla' maż-żmien tilfet it-tifsira propja tagħha. Ma kellhiex, dak iż-żmien, xi referenza jew tifsira ta' tqala tal-mara. Forsi kienet tfisser 'taħbila' (bl-ingliż *maze* jew *labyrinth*) forsi minħabba li ġejja minn numru ta' toroq u sqaqin li kien hemm f'dan id-daqsxejn ta' raħal li kien qisu labirint, għat-tfixkil u tħabbil għal dawk li ma kenux midħla tal-post. Dan kien isir fiż-żmenijiet tal-Medju Evu minħabba li kienu spiss isiru attakki ta' razzia għall-ħtif ta' lsiera, serq, ħruq ta' għelieqi, raba', siġar, u sakkeġġi mill-furbani jew pirati tal-baħar. Dawn l-attakki kienu jsiru l-aktar mill-Musulmani ta' l-Afrika ta' Fuq. Billi s-sibbien ma kenux midħla tal-post, kienu jitfixklu fit-toroq u fis-sqaqin ta' dak id-daqsxejn ta' raħal.

Wieħed jistaqsi, fejn seta' kien dan ir-raħal ta' Ħal Ħobla? Bil-mod il-mod maż-żmien mhux talli ma ssemmiex aktar, imma ntesa għal kollox f'liema naħa tal-Mosta seta' kien! Fl-ebda mappa antika ta' Malta ma nsibuhx imniżżel, jew niltaqgħu miegħu, dan ir-raħal; lanqas fil-mappa ta' Malta ta' Matteo Perez d'Aleccio (1547-1628?), li hija dettaljata ħafna.

Fir-Reġistru tas-Suppliki (*A.O.M. 1182*) fil-Biblijoteka Nazzjonali, insibu li dan ir-raħal kien jagħmel mal-Mosta, għax fih beda tiela' xi bini bil-permess tal-*'planning authority'* ta' dak iż-żmien (fil-fol. 387, 388, 391, 392, u 393). Dak iż-żmien il-permess kien intalab fit-13 ta' Lulju 1622 minn Franġisk Galea (*sic.* Golie) u nsibu li l-Kuntistabbli tal-Mosta ta' dak iż-żmien kien Augustino (*sic.*) Busitil. Għaxar snin qabel kien hemm ukoll Kuntistabbli tar-raħal Geronimo (*sic.*) Habayer (*fol. 100*), Ebejer.

Fl-opinjoni tiegħi kien raħal żgħir ta' ftit irziezet lejn in-naħa tat-Torri Cumbo fl-inħawi tal-knisja ta' Santa Marija ta' Verna. Ma nafux sewwa xi tfisser il-kelma 'Cumbo'. Wisq probabbli hi kelma marittima Siċiljana li maż-żmien tilfet it-tifsira tagħha, bħal ma ġara bi kliem ieħor tal-Medju Evu. Fl-arma araldika tal-familja 'CUMBO' insibu 'taħbila', l-għoqda Gordjana (Gordian knot) li hi magħmula bl-iċċumbar (*splicing*). Nafu li xi ġnus ma kenux jippronunzjaw iċ-"ċ" jew il-"ġ" li kienu jingħadu "k" u "g". Għalhekk 'Cumbo' (Kumbo) setgħet kienet 'Cumbo', forma ta' għoqda marittima. Kienet tkun 'taħbila', u kif għadna sa llum ngħidu 'ħajt imħabbel', 'ħabel imħabbel', 'għoqda mħabbla'. Ma nafux jekk Ħal Ħobla kienx Ħal Ħabla għax wisq drabi il-vokali 'a' kienet tiġi spelluta 'o' bir-raħli bħal ma hu fil-kunjom 'Galea' (*sic.*) Golie. Biss nafu li Ħal Ħobla kien raħal, minħabba li għandu l-prefiss 'Ħal' u seta' kien fin-naħa tat-Torri Cumbo.


CUMBO

Jekk xi darba tissemma' xi triq għal dan il-post, ngħidu aħna Triq Ħal Ħobla, min jaf kif jistgħu joħduha dawk li jkunu joqogħdu f'din it-triq! Imma tista tissemma' triq b'konnessjoni ma' dan il-lokal, bħal Triq l-Iċċumbar.